FONTANA

Minuti tat-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 1 ta` Frar 2007 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap<br>Is-Sur Anthony Cassar<br>Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Skużat:** | Is-Sur Victor Cefai – Viċi-Sindku |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

Is-Sindku spjega li l-ħarġa li kellha ssir f`Malta għat-tfal għaċ-ċirku u l-presepju Naplitan fil-Mużew Wignacourt kellha titħassar minħabba l-maltemp. Din il-ħarġa ser issir illum fil-5.30p.m. għaldaqstant ġie deċiż illi l-Kunsill jittratta l-aktar affarijiet urġenti fil-laqgħa ta` llum. Għal din il-ħarġa ser jattendu aktar minn 60 tifel u tifla mill-Fontana minbarra adulti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm oħrajn li mhumiex mill-Fontana u wħud minnhom qed jippretendu li jattendu mingħajr ħlas minkejja li l-Kunsill qed joffrilhom li jħallsu prezz issussidjat ta` Lm2.50,0 li rnexxielu jġib mingħand l-organizzaturi. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li l-Kunsill għandu jħallas id-dħul għaċ-ċirku lit-tfal tal-Fontana u t-tfal li mhumiex mill-lokal iħallsu huma għad-dħul taċ-ċirku, u min jixtieq, jiġi jara l-minuti tal-laqgħa biex ikun jaf li dan qed isir bi qbil unanimu. Is-Sindku qal li mhux sew li l-Kunsill iħallas għal min mhux residenti fil-Fontana. Il-Kunsill qabel.

## Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet f`din il-laqgħa.

## Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 65.13,0 |
| *JS Productions* | Lm 160.00,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm 123.19,0 |
| *Alka Ceramics Ltd.* | Lm 20.06,0 |

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

| | |
|---|---|
| Perit John Saliba | Lm 225.00,0 |
| *B.C.D. Graphics Ltd.* | Lm 60.18,0 |
| *Image Systems Ltd.* | Lm 44.56,0 |
| *S. Spiteri Catering Equipment Supplies* | Lm 24.78,0 |
| Fortun Mifsud | Lm 7.00,0 |
| Francis Grima | Lm 105.00,0 |
| *F. Mizzi Distributors (Gozo) Ltd.* | Lm 67.87,0 |
| Perit Ivana Farrugia | Lm 130.00,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm 123.19,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| *M.I.T.T.S.* | Lm 205.00,0 |
| Perit John Saliba | Lm 65.00,0 |
| *John G. Cassar Ltd.* | Lm 490.00,0 |
| Rev. Dr. Joseph Bezzina | Lm 8.00,0 |
| *Ray`s Catering Service* | Lm 102.42,0 |
| Mark Bajada | Lm 115.00,0 |
| Razzett tal-Ħbiberija | Lm 48.00,0 |
| *A&M Printing Limited* | Lm 138.08,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm 70.80,0 |
| Mary Farrugia | Lm 12.00,0 |
| Emmanuel Caruana | Lm 55.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 30.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 523.25,0 |
| *Gozo Bird Breeders Society* | Lm 15.00,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| *Dominic Department Stores Ltd.* | Lm 31.20,0 |
| Michael Bugeja | Lm 200.00,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm 127.30,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm 13.67,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm 13.74,0 |
| Avukat Chris Said | Lm 20.00,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm 2.86,0 |
| Mark Bajada | Lm 370.00,0 |
| Michael Bugeja | Lm 10.00,0 |
| *A&E Mintoff Co. Ltd.* | Lm 29.50,0 |
| *Gatt Construction Ltd.* | Lm 405.46,0 |
| *S&R (Ħandaq) Ltd.* | Lm 94.40,0 |
| *Sound and Vision* | Lm 25.00,0 |
| *Cordina Photo Market* | Lm 50.32,0 |
| *Cassar Pet & Hobby* | Lm 7.20,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 50.00,0 |
| *Department of Information* | Lm 105.00,0 |
| *Citadel Video Communications* | Lm 250.00,0 |
| Total | Lm5443.92,0 |

==============

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 19/2005 ġiet approvata.

Il-Kunsillier Lorry Apap talab li jiġi skużat u ħareġ.

## Materji oħra

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-*photocopier* bil-ħsara. Il-Kunsill qabel illi peress li din ilha madwar ħdax il-sena u ta` sikwit qed tkun bil-ħsara, jiġbor *quotations* sabiex tkun tista` tinxtara waħda ġdida u jsir *trade-in* tal-*photocopier* li għandna. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntalbet stima biex tinkera *photocopier* sakemm tiġi mixtrija waħda. Il-prezz mitlub hu Lm150, Vat eskluża, u 0.005 għal kull kopja għal xahar. Il-Kunsill ma qabilx li jikri peress li ntalab prezz għoli.

Il-Kunsill qabel illi jħallas lis-Sinjura Mary Farrugia s-somma ta` Lm12 għax-xogħol li għamlet bħala *compere* f`Jum il-Fontana`.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jixtri 5MB oħra mingħand l-*OS3* sabiex ikun hemm iżjed spazju fil-*Website* tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Chris Galea m`aċċettax li jkun nominat għall-premju 'Nazzareno Vassallo *Award for Initiativers in Elder Care*'.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret it-tiswija tal-proġett ta` Pjazza l-Għejjun u l-inħawi mill-Kunsill. Dan sewa madwar Lm220 bejn xogħol u materjal. Issa ngħalqet din il-kwistjoni li ilha pendenti minn Mejju 2002 meta s-Sindku preċedenti, s-Sur Valentino Cassar, mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill iffirma biex isir xogħol ta` trinka mill-kuntrattur tal-W.S.C. għall-*pumping station* tad-drenaġġ f`Wied il-Lunzjata. Peress li x-xogħol ta` tiswija li sar kien inferjuri ħafna, kien intalab lill-W.S.C. biex terġa` tagħmlu mill-ġdid, anke għar-raġuni li dakinhar l-Enġinier responsabbli mid-Dipartiment tad-Drenaġġ kien wiegħed lis-Sindku li ser jagħmel dan. Għalkemm għaddew aktar minn erba` snin dan baqa` ma sarx u kellu jsir mill-Kunsill, li għalih kienet spiża bla bżonn.

Saret ukoll it-tiswija tal-bidu ta` Trejqet ix-Xagħri bil-konkos, u wiċċ ġdid ta` l-istess materjal fl-aħħar parti ta` din it-trejqa, għar-raġuni li l-asfalt li kien hemm spiċċa. Dawn ix-xogħolijiet saru mis-Sur Mark Bajada.

Saru wkoll il-pjanti ġodda tal-*belvedere* ta` Triq ta` Mulejja mill-Perit Ivana Farrugia skond il-pjanti approvati mill-Bord tal-M.E.P.A. f`Awissu li għadda għal tarf Triq ta` Mulejja.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li attenda għas-seduta tal-Qorti bħala xhud dwar il-każ ta` Joseph Attard li ġara f`Marzu tas-sena l-oħra fejn kien ġie mkisser fanal u *railing* tat-telgħa l-isfel mill-Knisja. Dan il-każ ġie magħluq peress li s-Sur Attard ħallas l-ispejjeż kollha.

Seduta oħra fil-Qorti li attenda għaliha s-Sindku kienet dwar it-tkomplija tas-smiegħ tax-xhieda mill-Assistent Ġudizzjarju dwar ir-*road hump* tan-naħa ta` fuq ta` Triq tal-Għajn. Peress li nstemgħet ix-xhieda kollha mressqa mis-Sinjura Pauline Cassar, issa jmiss li l-Kunsill iressaq ix-xhieda tiegħu fis-seduta li jmiss fid-9 ta` Marzu li ġej.

Is-Sindku nforma li saret l-istima tal-*patching* bil-*hot asphalt* mis-Sur Paul Zahra u ntbagħtet lill-*Gatt Construction Ltd.* biex isir ix-xogħol.

Ġiet ukoll stabbilita d-data tal-'Festa Gaulitana' li l-Kunsill ser jieħu sehem fiha. L-attivita` tagħna jixraq li ssir fl-okkażjoni ta` 'Jum il-Fontana' u l-Festa ta` Sant`Indrija peress li din is-sena ser jaħbtu fl-ewwel tmiem il-ġimgħa ta` Diċembru. B`dan ġie nfurmat is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali.

Is-Sur David Apap mill-*Malta Tourism Authority* talab tagħrif lill-Kunsill dwar il-proġett li għandu l-Kunsill għall-passaġġ rustiku fi Triq Wied Siekel. Dan ġie mgħoddi lilu kif ukoll dak ta` tarf Triq Għajn Tuta.

Saret it-tielet ħarġa tal-fuljett 'Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek' fl-okkażjoni tal-Festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Dan ġie ppreparat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u tqassam f`kull residenza tal-Fontana.

Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Kunsillier Anthony Cassar attendew għal bibita organizzata mill-Parroċċa fl-okkażjoni tas-sena l-ġdida.

Sar it-tiżjin tal-Milied mill-Kunsill fi Triq tal-Għajn bejn l-Uffiċċju tal-Kunsill u l-Knisja Parrokkjali mis-Sur George Schembri f`isem il-Parroċċa. Dan kien tajjeb ħafna għall-ħlas ta` Lm200. Kif ukoll dak tat-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi li sar mis-Sur Michael Bugeja li ġie mqabbad mill-Kunsill. Dan ukoll kien hemm kummenti pożittivi ħafna fuqu.

Fil-*playing field* twaħħal apparat ġdid tal-logħob *Spring See-Saw* li kienet inxtrat mingħand John G. Cassar xi ġimgħat ilu.

Is-Sindku kellu laqgħa ma` l-Ispettur Josric Mifsud fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat. Din saret għas-Sindki Għawdxin fejn ġew diskussi diversi problemi mas-Sur Mifsud li għadu ġdid f`din il-kariga f`Għawdex.

Sar vandaliżmu fil-*Playing Field* u biex ma tikbirx aktar il-ħsara ġie mqabbad is-Sur Mark Bajada biex iwaħħal mill-ġdid iċ-ċangatura maqlugħa.

Sar ukoll ir-restawr tal-faċċata u n-niċċa tal-Għajn il-Kbira mis-Sur Mark Bajada. Dan kien jikkonsisti fit-tindif tal-faċċata bil-*hydrogen peroxide* u tikħil tal-fili kollha mill-ġdid bil-*hydraulic lime* u terracotta. Ix-xogħol tan-niċċa kien jikkonsisti billi tneħħa l-*water paint* u ġiet ġebla kif ukoll tnaddfu l-fili u tkaħħlet mill-ġdid. Jonqos li n-niċċa tingħata *stabilizer* tal-ġebla, jsir il-gwarniċ ta` l-injam u l-fanal ta` quddiemha. Waqt ir-restawr inkixfet data fuq is-salib li sar fl-1945 peress li sa dakinhar in-niċċa ma kienx fiha salib u dan kien sar minn Toni Bajada li kien joqgħod f`dawk l-inħawi, li jiġi missier ir-restawratur. Dan ikkonfermah hu stess lis-Sindku. Għal dan ix-xogħol ma kienx għad baqa` bżonn li jiġi msellef l-i*scaffolding* tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp peress li r-restawratur, s-Sur Mark Bajada uża dak li għandu hu mingħajr ħlas.

Xogħol li twettaq mill-ħaddiema tal-Kunsill kien manutenzjoni ta` diversi sqaqien, xi bankini, żebgħa tas-sinjali tat-toroq, irranġar ta` tabelli u kultivazzjoni tal-ġnien tal-*Playing Field* u qtugħ ta` ħaxix tat-toroq.

Sar it-twaħħil tal-mera u sinjali sofor ġodda mill-ħaddiema ta` Louis Portelli, kif ukoll twettaq xogħol ta` *patching* fi Triq l-Isptar San Ġiljan u Triq tal-Għajn. Dwar l-ittra li kellha tintbagħat lir-residenti ta` Triq ta` Mulejja dwar it-tħassir ta` tarf din it-triq biex isir il-*belvedere*, tista` ma tintbagħatx peress li ġew infurmati fl-aħħar ħarġa tal-fuljett. Il-Kunsill qabel.

Taħt l-iskema tat-taħwil tas-siġar taż-żebbuġ 'Gaulos' ġew applikati mal-Kunsill 160 siġra taż-żebbuġ. Għal dan il-għan saret laqgħa għal dawk li applikaw fl-Uffiċċju tal-Kunsill mis-Sur Ruben Curmi, Direttur tal-Kumpanija *'Gozo Cottage'* fejn ingħata tagħrif dwar is-siġar taż-żebbuġ.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-ilment li kien hemm fuq it-tiżliq ta` taħt ir-*railing* għamel kuntatt mal-kumpanija minn fejn inxtara s-*sealer* u ġie nfurmat li m`għandhomx prodott li jista' jingħata biex ma jibqax jiżloq meta jkun imxarrab bl-ilma.

Il-ħaddiem tal-Kunsill Joe Mercieca jrid jingħata ġurnata *time-off* peress li ġie mqabbad jidħol għax-xogħol il-Ħadd qabel il-purċissjoni ta` Sant`Indrija biex inaddaf id-dawra tal-purċissjoni. Ġie nstallat id-dawl fit-tmien fanali li twaħħlu dan l-aħħar mis-Sur Ġorg Zammit. Saret ukoll is-seduta tal-Qorti dwar il-każ li kien hemm bejn is-Sindku u s-Sur Joe

Farrugia dwar il-kors tal-kompjuter. Wara s-Sur Farrugia għamel dikjarazzjoni li tgħid hekk "Dr. Anton Refalo għall-imputat jiskuża ruħu għall-akkadut u jekk qal xi kliem dan qalu fis-saħna tal-mument u bl-ebda mod ma ried jitfa` dell ikrah fuq il-persuna tas-Sindku tal-Fontana li jafu bħala bniedem integru, onest u ta` l-affari tiegħu". Għaldaqstant is-Sindku ħafer lis-Sur Joe Farrugia.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li nqalgħu t-tabelli tal-parkeġġ ikkontrollat minn Triq ta` Mulejja, Triq Għajn Tuta u l-isfel mill-Knisja fi Triq tal-Għajn u Triq il-Qalb ta` Ġesu' kif kien qabel il-Kunsill.

Is-Sindku attenda wkoll il-Kunċert "Ġmiel il-Milied" mtella` fis-Sala ta` l-Azzjoni Kattolika, Rabat minn David Fenech b`risq *Lourdes Home* u Fr. George Camilleri, Ġiżwita.

Ġie organizzat b`suċċess 'Jum il-Fontana' fejn ġiet iċċelebrata quddiesa ta` l-okkażjoni fejn fost il-mistiedna kien hemm l-Onor. Mr. Speaker Anton Tabone, l-Onor. Ministru għal Għawdex Ġiovanna Debono u l-Onor Dr. Justyne Caruana. Kienu preżenti wkoll is-Sindku, l-Viċi-Sindku, l-Kunsilliera Lorry Apap u Anthony Cassar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Wara li tpoġġiet kuruna quddiem il-monument tas-sajjieda mis-Sindku tkompliet is-serata fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn ingħata t-trofew ta` 'Ġieħ il-Fontana' lill-Kappillan il-Kan. George Bezzina. Mons. Albert Curmi ma setax jattendi għall-għoti tal-midalja ta' "Ġieħ il-Fontana", għalhekk din trid tingħata lilu. Intwerew ukoll siltiet mid-D.V.D. dwar il-Fontana li sar minn *Citadel Video Communications*. Dan intgħoġob ħafna minn dawk preżenti. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jsir ħlas akkont ta` Lm250 ta` dan id-D.V.D. Inqara wkoll il-komponiment rebbieħ dwar il-Fontana kif ukoll ġew ippreżentati rigali lir-rebbieħa tal-komponiment u pittura.

Saret ukoll il-ħarġa għal kulħadd ta` nofs ta` nhar f`Għawdex fejn żorna x-Xlendi, Munxar, Sannat u Xewkija fejn żorna r-Rotunda u ċ-Ċentru tal-Protezzjoni Ċivili fejn dawk preżenti ngħataw tagħrif dwar kif wieħed jista' jevita perikli fid-dar mill-Uffiċċjal Inkarigat is-Sur Peter Mercieca. Wara żorna Marsalforn fejn dawk preżenti ġew offruti kafe' u *snack* mill-Kunsill.

Saret ukoll ħarġa ta` nofs ta` nhar għat-tfal tal-Fontana f`Għawdex fejn żorna t-torrijiet ta` Kenuna u dak Ta` Sopu fin-Nadur fejn ġie mistieden Mons. Dr. Joe Bezzina fejn ta tagħrif dwar l-istorja ta` dawn it-torrijiet. Wara l-Kunsill offra xi ħaġa tal-ikel fi stabbiliment kummerċjali fit-Rabat lit-tfal. Attendew madwar 40 tifel u tifla.

Saret ħarġa oħra f`Malta għall-anzjani fejn saret quddiesa fil-parroċċa ta` Burmarrad ddedikata lill-Qalb Bla Tebgħa ta` Marija li hija ġemellata mal-parroċċa tagħna. Wara żorna l-parroċċa ta` Bormla fl-okkażjoni tal-Festa tal-Kunċizzjoni. Il-ħarġa kompliet f`Tas-Sliema fejn kulħadd seta jżur il-ħwienet li jixtieq. Temmejna ż-żjara tagħna fl-Isptar *'Mater Dei'* fejn ġejna mdawra ma` dan l-isptar il-ġdid, kif ukoll ġejna servuti b`kafe jew te. Attendew 44 persuna fosthom is-Sindku, l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill illi fl-okkażjoni tal-Festi tal-Milied kif approvat mill-Kunsill tqassmet l-ikla ta` nofsinhar lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom. Ipparteċipaw persuna.

Is-Sindku ppropona lill-Kunsill biex isiru qsari tal-ġebel għal Sqaq Bieb il-Għajn u taħt ir-*railing* l-isfel mill-Knisja. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ordnati għand is-Sur Joe Muscat.

<u>Restawr tan-niċċa tas-Salvatur fi Triq tal-Għajn</u>

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħareġ il-permess għar-restawr tan-niċċa tas-Salvatur mill-M.E.P.A. Dan il-permess jikkonsisti filli din in-niċċa titqaxxar mis-siment li hija miksija bih. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mis-Sur Mark Bajada. Wara jintbagħtu ritratti lill-

M.E.P.A. dwar kif tkun il-qagħda ta` din in-niċċa, biex tittieħed deċiżjoni jekk tinbeniex mill-ġdid jew jiġi restawrat dak li hemm, peress li l-lavur li kien fiha ntilef.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.15 ta` filgħaxija u ġiet aġġornata għall-kontinwazzjoni tagħha għal nhar l-Erbgħa, 7 ta` Marzu 2007 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |